MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 87/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joseph Camilleri**

Dan huwa appell minn dik il-parti ta’ sentenza li infliġġiet piena ta’ tmintax-il xahar priġunerija fuq l-appellant.
L-appellant kien mixli talli fis-7 ta’ Ġunju 2004, għall-ħabta tal-11.00 *a.m.*, ikkommetta serq mill-fond kummercjali maghruf bħala *Supergold Jewellers* li jinsab gewwa il-kumpless *Bay Street*, San Ġiljan, għad-dannu ta’ Christine Mckay, b’dan illi huwa reċidiv wara li nstab ħati b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta li saru definittivi.
B’sentenza tal-10 ta’ Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant Joseph Camilleri ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għal priġunerija ta’ tmintax-il xahar li minnhom jitnaqqas iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv. Barra minn hekk, il-qorti

irrakkomandat illi jsegwi program ta' riabilitazzjoni kontra d-droga fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

B'rikors ta' appell ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2006 l-appellant talab illi din il-qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija kif ukoll f'dik il-parti fejn intqal illi r-reċidiva ma ġietx ippruvata kif meħtieġ, thassar dik il-parti tas-sentenza li infliġġiet piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija li minnhom irid jitnaqqas l-arrest preventiv, u minflok tagħti piena oħra skond il-liġi li tkun aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi speċjali u straordinarji tal-każ.

Il-fatti seħħew hekk:

L-appellant seraq ċurket, li jiswa mija u sebgħin lira (Lm170), u brazzuletta, li tiswa mija u tnejn u ħamsin lira (Lm152), minn ħanut tad-deheb, u nqabad jagħmel hekk fuq *camera* tas-sigurtà. Dakinhar stess tas-serqa, radd iċ-ċurkett lil sidu, mingħand min kien serqu; il-brazzuletta kien laħaq bigħha lil terzi bil-prezz ta' ħamsa u tletin lira (Lm35) iżda din ukoll eventwalment raddha lil sidha. Dan kollu seħħ qabel ma kellmuh il-pulizija.

L-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu biex il-kawża kontra l-appellant titmexxa bi proċedura sommarja u b'sentenza tal-10 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li sabet lill-appellant ħati ta' serq aggravat, għalkemm mhux li kien reċidiv, u rat l-artt. 261 u 279 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal priġunerija ta' tmintax-il xahar li minnhom jinaqqas iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv.

Qabel ma tat il-piena l-ewwel qorti rat ukoll setax igħodd għall-każ l-art. 337(2) tal-Kodiċi Kriminali:

**337.** (2) Fil-każ ta' serq, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' ħsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'żewġ gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq:

(*a*) il-ħati jikxef lill-awtorità kompetenti kull persuna li setgħet laqgħet għandha jew xtrat mingħandu, jew li setgħet hadet sehem fil-bejgħ jew tmexxija tal-proprjetà misruqa; u

(*b*) (i) jew jikkonsenja lill-awtorità kompetenti l-proprjetà kollha misruqa minnu, u jrodd lill-

offiż kull ħsara li setgħet tkun ġiet ikkaġunata lill-proprjetà, jew

(ii) fil-każ li l-proprjetà ma tkunx inġabret lura, ihallas lill-offiż il-valur sħiħ tal-proprjetà hekk misruqa; u

(*ċ*) irodd għal kollox lill-offiż kull ħsara, lil proprjetà mobbli jew immobbli oħra, ikkaġunata bir-reat ta' serq jew filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq.

Il-qorti sabet, iżda, illi ma tħarsitx l-ewwel kondizzjoni għax l-appellant baqa' jostor lil dak li kien laqa' għandu l-proprjetà misruqa, u għalhekk lill-appellant ma setgħetx tagħtih il-benefiċċju taħt l-art. 337 tal-Kodiċi Kriminali.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa illi hu ma kixifx lill-persuna li laqgħet għandha l-proprjetà misruqa għax dik il-persuna ma kinitx taf li l-proprjetà kienet misruqa, u l-appellant ma riedx "li persuna innoċenti tinġieb fl-inkwiet".

Huwiex minnu jew le dak li qiegħed jingħad fir-rikors ta' l-appell — wara kollox, min xtara b'ħamsa u tletin lira (Lm35) brazzuletta li tiswa mija u tnejn u ħamsin lira (Lm152) x'aktarx li kien jaf x'kien qiegħed jixtri — huwa irrelevanti. Biex jingħata dan il-benefiċċju l-ħalliel għandu jikxef lil min laqa' għandu l-ħaġa misruqa; jekk dan ikunx innoċenti jew le tarah il-ġustizzja u mhux il-ħalliel. Il-kondizzjonijiet meħtieġa taħt l-art. 337 ma tħarsux u għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti li ma tatx il-benfiċċju taħt dak l-artikolu.

L-appellant ikompli jgħid illi għalkemm sabet lil-art. 337 ma jgħoddx għall-każ, l-ewwel qorti setgħet applikat l-art. 21 tal-Kodiċi Kriminali, li jagħtiha s-setgħa illi, għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti piena iżgħar mill-*minimum* li trid il-liġi.

Imkien fir-rikors ta' l-appell ma jissemmew x'jistgħu jkunu dawn ir-"raġunijiet speċjali u straordinarji", u l-qorti ma tagħtix tort lil min kiteb ir-rikors għax ma hemmx raġunijiet bħal dawn. Bħala xhieda biex forsi toħroġ xi raġuni speċjali l-appellant ressaq lil dawk il-professjonisti li qegħdin igħinuh fil-programm ta' riabilitazzjoni li qiegħed jagħmel. Dawn il-professjonisti, iżda, qalu illi l-problema ta' l-appellant huwa, mhux issa li qiegħed f'post sorveljat fejn jista' jkun assikurat illi l-programm isegwih, iżda meta joħroġ minn fejn hu u jkun jiddependi minnu biss jekk

ikomplix bil-kura jew le.  Din ma hijiex raġuni biex jinħareġ fil-libertà qabel il-waqt iżda x’aktarx, fl-interess tiegħu stess, li jinżamm żmien itwal!

Aggravju ieħor ta’ l-appellant hu illi, minkejja l-fedina penali voluminuża tiegħu, issa qiegħed jagħmel ħiltu biex jirriforma u jbiddel ħajtu.  Il-qorti tawgura li dan hu minnu, għax, wara kollox, dan huwa wieħed mill-għanijiet tal-piena.  Dan jista’ jkun argument biex il-piena tkun qrib il-*minimum* — l-Avukat Ġenerali stess fis-seduta ta’ l-14 ta’ Lulju 2006 qabel illi l-piena tinżel għall-*minimum* — iżda mhux illi piena ma tingħatax, għax il-ksur tal-liġi penali ma jistax jibqa’ bla konsegwenzi.

L-appellant instab ħati taħt l-artt. 261 u 279 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk seta’ jingħata piena ta’ priġunerija minn tlittax-il xahar sa seba’ snin.  Fid-dawl ta’ l-istqarrija magħmula mill-Avukat Ġenerali fis-seduta ta’ l-14 ta’ Lulju 2006, din il-qorti sejra tniżżel il-piena għall-*minimum* ta’ tlittax-il xahar.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn infliġġiet piena ta’ tmintax-il xahar priġunerija u, minflok, tikkundanna lill-appellant għall-piena ta’ tlittax-il xahar priġunerija, li minnhom jitnaqqqas iż-żmien li l-appellant għamel taħt arrest preventiv.  Twettaq is-sentenza fil-bqija.

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------